# FORTI MANOEL

Kitba ta' **CLIFFORD GALEA**



Se jasal żmien meta f'Malta se nindunaw iżjed kemm il-wirt mhux biss irridu napprezzawh imma wkoll inħarsu lejh bħala sors ta' dħul ekonomiku kważi wieħed mill-uniċi. Il-pandemija tal-COVID-19 għallmitna li meta tkun dahrek mal-ħajt, iddur fuq ir-riżors li għandek, u f'Malta dak hu li għandna bl-abbundanza. Irridu niffukaw iżjed fuq dan il-wirt u nieħdu ħsiebu. Sar ħafna progress iżda baqa' ħafna iżjed.

Fuq il-Gżira Manoel hemm Fortizza, imsejħa Forti Manoel. Dan il-Forti kien ipproġġettat li jsir taħt il-ħakma tal-Gran Mastru Gregorio Carafa fl-1687. Fl-1715, de Tigné, Inġinier militari flimkien ma' Charles Francois de Mondion, ġew mistiedna mill-Gran Mastru Perellos biex ikomplu dan il-forti li kien mibdi minn Grunenberg. De Tigné ħareġ bi stima tax-xogħol li kien ser jiġi jiswa 8,500 skud.

Ir-raġuni għalfejn inbena dan il-forti kien li l-Kavallieri kienu jħossu li l-Belt min-naħa tal-Port ta' Marsamxett ma kinitx imħarsa. Sa dan iż-żmien il-Belt kienet imħarsa sew min-naħa ta' fuq l-art bil-linja ta' fortifikazzjoni tal-Furjana. Min-naħa tal-Port il-kbir kienet imħarsa sew minħabba li l-Kottonera kellha l-fortifikazzjoni tagħha wkoll u mdawra bil-linji ta' Santa Margerita u l-Kottonera. Dan il-Forti fl-aħħar inbena mill-Gran Mastru Manoel de Vilhena fis-sena 1726.

L-ewwel ġebla tqiegħdet fl-14 ta' Settembru 1723. Minħabba l-għamla tal-art, l-Inġinier de Tigné, iddisinja l-fortizza li ssir f'forma kwadra. Hu ppropona wkoll li kellhom isiru rivellini (fortizzi żgħar quddiem il-fortizza prinċipali). Dawk kellhom jinfirxu mal-gżira kollha iżda fl-aħħar ma sar xejn minn dawn. Il-fortizza għandha stil Barokk u kellha qawwa ta' 500 ruħ. Il-forti ġie msejjaħ Manoel għall-benefattur tiegħu. Barra mill-ispejjeż għall-bini huwa ħareġ ukoll il-flus għal dak kollu li kien meħtieġ biex jgħammar lil din il-fortizza b'dak kollu li kellha bżonn, biex toffri l-aqwa difiża. Huwa ħallas ukoll is-somma ta' 1,000 skud biex iħallas lill-gvernatur tal-forti, il-logutenent u l-kappillan. Huwa kien iħallas ukoll lis-suldati tal-forti. Huwa bena wkoll post fejn joqogħdu s-suldati u knisja sabiħa ddedikata lil Sant'Antnin ta' Padova. Din l-istess knisja kienet ġarrbet ħsarat kbar fl-aħħar Gwerra Dinjija.

F'nofs il-misraħ tal-Fortizza Manoel kien hemm statwa tal-Gran Mastru Manoel de Vilhena, bil-mant dukali, bil-bastun tal-kmand f'idejh il-leminija. Il-benefattur ta' din l-istatwa kien il-Kavallier Savasse. Din l-istatwa il-Gvernatur le Marchant poġġieha fil-pjazza ta' quddiem il-Biblijoteka, iżda imbagħad fl-1890 tqiegħdet f'ras il-Mall il-Furjana.

Mal-wasla tal-Ingliżi din il-fortizza waqgħet f'idejn in-Navy u żammewha sakemm ġiet abbandunata għalkollox fid-29 ta' Mejju 1964. Wara ż-żmien tal-Ingliżi l-futur ta' din il-fortizza kien inċert ħafna.

B'riżoluzzjoni tal-Parlament fil-25 ta' Novembru 1969 saret kumpanija The Manoel Island and Malta marine Company Ltd. Hawn kellhom jinbnew żewġ lukandi, xatt sabiħ u mgħammar b'ħafna faċilitajiet. Il-Gvern kien imdaħħal f'din il-biċċa, infatti l-Prim Ministru George Borg Olivier kien kixef lapida li kienet tikkommemora l-bidu ta' dan il-proġett, fl-10 ta' Settembru 1970. Iżda maż-żmien dan il-proġett ġie abbandunat u ma sar xejn minn dak li ġie miftiehem.

Fis-17 t'April 1987, il-Gvern Malti, li f'dan iż-żmien kien hemm Dr Karmenu Mifsud Bonnici bħala Prim Ministru, iffirma kuntratt mal-kumpanija tal-pretendent tat-tron Taljan, Vittorio Emanuele di Savoia. Il-ħsieb kien li jintnefqu 150 miljun dollaru Amerikan biex Manoel Island issir kumpless turistiku.




Dan il-proġett kien ser jinkludi lukanda lussuża, appartamenti, restorant, ħwienet, xatt, pixxina, u korsa għall-golf.

Kellhom jiġu inklużi wkoll ġnien pubbliku, vilel u mużew tal-Assedju l-Kbir. F'dan il-proġett ukoll kellu jiġi rranġat il-forti minħabba li wara l-gwerra kien ġarrab diversi ħsarat li kienu komplew jiggravaw mas-snin minħabba li kien traskurat. Kien hemm proponiment mill-Prim Ministru li jsir pont li jgħaqqad il-ponta ta' Tigné ma' Marsamxett. Din il-parti tal-proġett kellha tiġi kofinanzjata mill-Gvern Malti. It-twettiq ta' dan il-proġett kellu jibda fl-aħħar tas-sena 1987 u jitlesta sal-1990. Imma l-problema kienet li qatt ma nbeda qisu l-ftehim kien tar kollu mar-riħ. Kien hemm attentati oħra biex din il-gżira tiġi rranġata flimkien mal-forti li hemm fuqha, imma qisu kull ftehim li beda jsir dejjem jispiċċa jintesa.

Bħal kull lok ieħor antik u abbandunat iġib miegħu diversi

**"L-ewwel ġebla tqiegħdet fl-14 ta' Settembru 1723. Minħabba l-għamla tal-art, l-Inġinier de Tigné, iddisinja l-fortizza li ssir f'forma kwadra. Hu ppropona wkoll li kellhom isiru rivellini**

spekulazzjonijiet dwar l-eżistenza ta' xi spirti li jistgħu jokkupaw l-inħawi. Dan il-forti miegħu m'hemmx konessi taqbidiet ħarxa bħalma kien hemm fuq fortizzi oħrajn fiż-żmien tal-Assedju l-Kbir. Iżda xorta kien hemm min jgħid li kien jidher kavallier liebes l-armatura sewda idur mal-forti. Dan hu għajdut li ma jistax jiġi kkonfermat, imma ħafna drabi iqajjem l-interess tal-pubbliku biex dak li jkun iżur il-post hu stess.

Fl-aħħar ix-xogħol ta' restawr beda f'Settembru tal-2001 u ġie stimat li ser jiswa Lm140 miljun. Il-forti kien ilu mitluq snin twal tant li qabel inbeda l-proġett tneħħa kwantità kbira ta' skart. B'kollox tneħħew 500 trakk mimli skart mill-forti. Beda jiġi restawrat il-bieb maestuż tal-forti, is-swar, il-knisja ddedikata lil Sant'Antnin ta' Padova, tneħħa dak kollu li ma kellux x'jaqsam mal-oriġini tal-forti. Dan il-proġett reġa' ta l-ħajja lil ġawhra mill-passat, li maż-żmien setgħet tintilef u tintesa.



